# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 500/2022**

**Victor Schiavone (ID Nru. 717549M)**

**Margaret Schiavone (ID Nru. 491860M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat u**

**Joseph Azzopardi (ID Nru. 849247M)**

**Anna Debono (ID Nru. 302552M)**

**Bernard Azzopardi (ID Nru. 383557M)**

**Raymond Azzopardi (ID Nru. 205045M)**

**Francis sive Frank Azzopardi (ID Nru. 185549M)**

**Suor Rosita fis-seklu Rose Mary Azzopardi (ID Nru. 437466M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Victor Schiavone u Maria Schiavone (ir-rikorrenti) tat-22 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi permezz ta' rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2021, quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet **Joseph Azzopardi et vs. Victor Schiavone et** (Rik. Nru. 399/2021 NB) intqal is-segwenti:

    *1.Illi r-rikorrenti huma propretarji tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla, li huma akkwistaw per via di succesione mill-eredita' tal-mejta ommhom Gemma Azzopardi,, li mietet fil- 15 ta' Jannar 2014, u li l-wirt taghha ddevolva b'testment unica charta fl-atti tan-Nuttar Dottor Rosella Sciberras tat-23 ta' Gunju 1995, "Dokument A" hawn anness.*
    *2. Illi missier ir-rikorrenti, l-mejjet Nicholas sive Lino Azzopardi, ppremwora lil martu u miet fl-1 ta' Ottubru 2003, kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis tieghu tat-23 ta' Frar 2004 fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras, Dokument B hawn anness.*
    *3. Illi l-wirt tal-mejta Gemma Azzopardi gie debitament dikjarat lill-Kumissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tal-24 ta' April 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Andrea Micallef, li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument C".*
    *4. Illi l-imsemmija Gemma Azzopardi akkwistat il-propjeta' fuq msemmija b'kuntratt ta' divizjoni tas-7 ta' Gunju 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb, hawn anness u mmarkat bhala "Dokument D", mill-wirt tal-mejta genituri taghhom Joseph Mallia Milanes li miet fid-29 ta' Jannar 1960 u Frances Mallia Milanes li mietet fis-27 ta' Gunju 1951.*
    *5. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrallat kif jirrizulta mid-Dokument E hawn anness.*
    *6. Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-intimati Schiavone ghal dawn l-ahhar 34 sena, u cioe mill-1987, bil-kera mizera ta' Lm20.00c fis-sena, u llum bil-kera ta' €230.20c fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, li jithallsu kull sitt xhur, kull l-1 ta' Frar u l-1 ta' Lulju ta' kull sena, b'awmenti tenwi kull tlett skon skont l-oghli tal-hajja.*
    *7. Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimati Schiavone qed ihallsu a tenur tal-ligi jammonta ghal €230.20c fis-sena, meta l-valur lokatizzju tal-fond fiq-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema dispozizjonijiet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*
    *8. Illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, ossia l-Att Dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, sid il-kera huwa intotolat jipprezenta rikors*

*quddiem il-Bord fejn jitlob li l- kera jigi rivedut ghal ammont li ma jaccedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jigi prezentat ir-rikors u sabiex jigu stabbiliti kondizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera.*

*9. Illi ai termini tal-Artikolu 4 A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju inizjali tal-proceduri l-Bord ghandu jwettaq it-test tal-mezzi tal-kerrej, li ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriiterji ta' Test tal-Mezzi), mahruga taht l-artikolu 1622 A tal-Kodici Civili u kwalunkwe regolamentili jistghu minn zmien ghal zmien jissostituwhom. It-test tal-mezzi ghandu jkun ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru tas-sena li tipprecedi s-sena li fiha jkunu nbdew il-proceduri u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Dicembru tal-imsemmija sena. It-test tal-mezzi ghandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, ghar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal- Kirja (Kriterji tat-Test tal-Mezzi) li ghandhom japplikaw mutatis mutandi.*

*10. Illi fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dhulu tal-kapital tat-test tal-mezzi, il- Bord ghandu, wara li jkun sema' kwalunkwe evidenza u sottomissjonijiet mressqa mill- partijiet, jaghti decizjoni li tippermetti lill-kerrej zmien ta' sentejn (2) saiex id-dar ta' abitazzjoni tigi vakata. Il-Kumpens pagabbli lil sid il-kera ghall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu ghandu jigi determinat mill-Bord skont il-kaz.*

*GHALDAQSTANT, jghidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:-*

*I. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Victor Schiavone (K.I 0717549M) u Margaret Schiavone (K.I 0491860M) ai termini ta-Att XXIV tal-2021, li ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), mahruga taht l-artikolu 1622 A tal-Kodici Civili u kwalunkwe regolamenti li jistghu minn zmien ghal zmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2020, u liema test tal-mezzi ghandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, ghar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal- Mezzi) li ghandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-kaz.*

*II. Jiddidkjara u Jiddeciedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 44, Triq il-Vittorja, L-Isla ghandu tigi riveduta ghal ammont li ma jaccedix it-2% fil-mija fis- sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh, u sabiex jifu stabilliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-kaz.*

*III. Jordna u jikkundanna lill-intimati Vicotri Sciavone (K.I 0717549M) u Margaret Sciavone (K.I 0491860M) jibdew jhallsu din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern.*

*IV. Jordna, f'kaz illi l-intimati Victor Sciavone (K.I 07177549M) u Margaret Schiavone (K.I 0491860M) ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal- mezzi, l-izgumbrament taghhom mill-fond in kwistjoni, fi zmien qasir u paretnorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Gunju 2021.*
*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasii azzjoni ohra li tista' talvolta tigi prezentata.*

2. Illi l-esponenti konjuġi Schiavone kienu ntavolaw is-segwenti risposta:

1. *Illi preliminarjament, fl-ewwel lok l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrenti, flimkien mal-każ odjern, ippreżentaw ukoll rikors fl-istess ismijiet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), Rik. No. 496/2021, liema kawża tinsab pendenti għall-primo appuntamento għas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021;*
2. *Illi preliminarjament għandu jiġi rilevat li l-eċċipjenti dejjem ottemperaw ruħhom mal-Liġijiet viġenti, u għaldaqstant ma jistgħu jiġu attribwiti l-ebda ħtija jew nuqqas da parti tagħhom, fl-eventwalita' li dan l-Onorabbli Bord jakkolji tali talbiet tar-rikorrenti;*
3. *Illi l-esponenti jirrilevaw li huma ma jsibu ebda diffikulta' li jissottomettu ruħhom għat-test tal-mezzi u dan stante l-fatt li huma għandhom il-mezzi ferm limitati, hekk kif ser ikun qiegħed jiġi muri fit-trattazzjoni tal-kawża odjerna;*
4. *Illi f'kull każ u assolutament mingħajr ebda preġudizzju, l-eċċipjenti jisħqu illi huma jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja kif bażat fuq id-dħul tagħhom fil-perjodu relattiv. Di fatti l-esponenti m'għandhom ebda proprjeta' immobbli abitabbli tagħhom;*

*i. Illi għalhekk kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis il-mezzi u l-eta' tal-eċċipjenti hekk kif irid l-istess Att XXIV tal-2021, u kif ukoll tenut kont taċ-ċirkostanzi soċjali u finanzjarji tal-eċċipjenti, magħdud ukoll il-fatt li l-fond mertu tal-każ odjern huwa l-unika residenza tagħhom u l-fatt li l-eċċipjenti ma għandhom ebda proprjeta' oħra li huma jistgħu jirrisjedu fiha;*

*ii. Illi l-liġi relattiva għall-kirjiet li ħarġu mal-konċessjonijiet emfitewtiċi ġiet emendata bl-intiża li jinħoloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini, iċ-ċifra ta' tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond hija biss <u>il-massimu</u> li biha il-proprjeta' tista' tinkera, pero' skont iċ-ċirkostanzi tal-każ il-kirja tista' tkun kwalunkwe perċentwal ieħor li hu inqas minn tnejn fil-mija (2%);*

5. *Illi assolutament mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq premessi, anke kieku ex gratia argomenti kellhom jiġu milqugħa l-ewwel*

*tlett talbiet, in toto jew in parte, ir-raba' talba (u ċioe fejn dan l-Onorabbli Bord intalab li f'każ li l-eċċipjenti ma jistawx jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi jiġu permessa sa perjodu ta' massimu sentejn mill-1 ta' Ġunju 2021 sabiex il-fond jiġi vakat) għandha tiġi kompletament miċħuda għaliex fir-realta' l-eċċipjenti m'għandhomx biżżejjed dħul u m'għandhom ebda proprjeta' immobbli tagħhom fejn jistgħu jirrisjedu;*

6. *Illi l-esponenti jistqarru illi fi kwalunkwe każ, il-pożizzjoni tagħhom hija waħda ta' bla ħtija, u jekk għandhom iwieġbu għal kwalunkwe reviżjoni fl-ammont ta' kera li jogħġbu jordna dan l-Onorabbli Bord, huwa l-Gvern inkella l-Awtorita' tad-Djar kif delegata fl-irwol tagħha;*
7. *Illi l-esponenti ma għandhomx ibgħatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;*
8. *Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.*

3. Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-15 ta' Lulju, 2022 il-Bord li Jirregola l-Kera għadda biex iddeċieda s-segwenti:

    1. *Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u jiddikjara li l-intimati ma jissodisfawx il- kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi;*

    2. *Jichad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti;*

    3. *Jilqa' r-raba talba tar-rikorrenti fis-sens illi jiddikjara li l-intimati Schiavone ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 4A(4) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta qed ixolji l-kirja vigenti favur l- intimati tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla u jordnalhom jivvakaw mill-istess fond fi żmien sentejn mil-lum filwaqt illi jillikwida l-kumpens pagabbli mill-intimati ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni fit-terminu hawn stabbilit ta' sentejn millum, fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) fis-sena u għal dan il-għan il-Bord qed jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-imsemmi kumpens ta' sitt elef ewro (€6,000) kull sena għall-okkupazzjoni tal-istess fond in meritu mil-lum 'il quddiem u sakemm huma jibqghu fl-okkupazzjoni tal-istess fond fiż-żmien hawn konċess f'din is-sentenza ossia ta' sentejn millum.*

    4. *Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorita sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.*

    *Spejjez a karigu tal-intimati Schiavone*

4. Illi tali deċiżjoni wasal għaliha wara li l-Bord ikkonsidra s-segwenti:

    *Mill-provi dwar it-test tal-mezzi ppreżentati b'nota tat-8 ta' Ottubru 2022 (Dok VS 1) jirriżulta li fil-perjodu relevanti ċjoe' sena qabel ma ġie*

*ntavolat ir-rikors odjern l-intimat Victor Schiavone kellu 71 sena filwaqt li martu kellha 60 sena.*

*Il-Bord wara li ra d-dokumentazzjoni esebita mill-intimati josserva li d-dħul taghhom fil-perjodu rilevanti ma jeċċedix l-ammont indikat fir-Reg. 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11. Mill-provi jirrizulta li d-dħul taghhom fil-perijodu relevanti ossia 2020 kien jikkonsisti minn pensjoni tas-sigurta socjali li fit-2020 kienet fl-ammont ta' €13,716.13 (Dok B). Skond id-dikjarazzjoni tat-taxxa ghas-sena 2020 (Dok Y) it-total tad-dhul tal-intimati kien ta' €14,198. Ghalhekk kwantu ghad-dhul l-intimati jissodisfaw tali kriterju.*
*In kwantu għall-kapital, mid-dokumenti eżebiti, dan jeccedi l-kapital indikat fir-Reg. 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11.*

*(...)*

*Il-Bord ra wkoll l-affidavit tal-intimat Dok VS a fol 84 u kif ukoll in-nota dwar il- kundizzjoni medika tal-intimat a fol 88.*

*B'hekk mill-provi dwar it-test tal-mezzi jemergi li t-total tal-kapital tal-intimati jeccedi t-treshold ta' €245,000 indikat fir-Reg. 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11.*

5. Illi r-rikorrenti nhar l-4 ta' Awwissu 2022 intavolaw Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-15 ta' Lulju 2022, kopja ta' liema sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok. VMS**;

6. Illi r-rikorrenti konjuġi Schiavone ħassew illi in konġunzzjoni mal-Appell, kellhom ukoll jintavolaw kawża kostituzzjonali, u dana stante illi huma jħossu illi s-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar il-15 ta' Lulju 2022 hija konsistenti f'diversi lanjanzi ta' natura kostituzzjonali;

**<u>Illi l-esponenti konjuġi Schiavone qiegħdin iressqu s-segwenti lanjanzi kostituzzjonali:</u>**

a) **Il-Bord li Jirregola l-Kera fis-sentenza tiegħu tal-15 ta' Lulju 2022 wasal għall-interpretazzjoni żbaljata tal-liġi, partikolarment tal-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, a bażi ta' liema sub-inċiż l-appellanti ingħataw sentejn żmien sabiex jivvakaw mill-fond in kwistjoni, liema aġir iwassal għal ksur lampati tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;**

7. Illi l-esponenti jisħqu illi l-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera kien żbaljat fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-liġi, sabiex finalment wasal għad-

deċiżjoni illi la darba l-esponenti jissodisfaw il-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi, imma ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi, dan għaldaqstant ifisser li fil-konfront tar-rikorrenti għandu jiġi applikat dak premess fis-sub-inċiż (4) tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' li l-kirja tagħhom għandha tiġi xolta u li huma għandhom jivvakaw mill-fond fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza, fil-waqt li jħallsu kumpens lill-intimati aħwa Azzopardi għall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni ammontanti għal sitt elef ewro (€6,000) fis-sena;

8. Illi l-esponenti umilment u bil-qima jissottomettu illi din id-deċiżjoni finali tal-Bord li Jirregola l-Kera hija waħda difettuża u mxekkla u dana stante illi dan jirriżulta minn interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi, u dan hekk kif ser jiġi spjegat aktar l-isfel;

9. Illi l-esponenti konjuġi Schiavone umilment jissottomettu illi l-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti bil-lingwa Maltija:

   *"Fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul* ***u***[1] *tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord għandu, wara li jkun sema' kwalunkwe evidenza u sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-kerrej żmien ta' sentejn (2) sabiex id-dar ta' abitazzjoni tiġi vakata. Il-kumpens pagabbli lil sid il-kera għall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu għandu jiġi determinat mill-Bord skont il-każ." (enfasi miżjud)*

   U jgħid is-segwenti bil-lingwa Ingliża:

   *"Where the tenant does not meet the income* ***and***[2] *capital criteria of the means test the Board shall, after hearing any evidence and submissions produced by the parties, give judgement allowing the tenant a period of two (2) years to vacate the dwelling-house. The compensation for occupation of the dwelling-house payable to the lessor during the said period shall be determined by the Board as the case may be." (enfasi miżjud)*

10. Illi l-esponenti konjuġi Schiavone umilment jissottomettu illi hawn għandu jsir aċċenn għall fatt illi l'hawn fuq ċitat sub-inċiż jgħid, "*Fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul* ***u*** *tal-kapital tat-test tal-mezzi*" *JEW "Where the tenant does not meet the income* ***and*** *capital criteria of the means test"*, fejn enfasi partikolari għandha titqiegħed fuq il-kelma 'u' fit-test Malti, u fuq il-kelma 'and' fit-test ingliż. Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment u bil-qima jissottomettu illi huwa ċar li ma hemm l-ebda dubbju dwar l-interpretazzjoni

[1] Enfasi tal-esponenti
[2] Enfasi tal-esponenti

sabiex tiġi applikata din id-dispożizzjoni, fis-sens illi sabiex l-inkwilini, f'dan il-każ, ir-rikorrenti, ikunu soġġetti għal din il-klawżola (Art. 4A(4) tal-Kap. 69) huma jridu ma jissodisfawx mhux biss il-kriterji tad-dħul **imma wkoll** il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi, liema rekwiżiti fil-każ odjern ma jissussistux kif ser jiġi spjegat fil-mori tal-kawża;

11. Illi l-esponenti umilment jissottomettu illi stante li dan is-subartikolu partikolari (Art. 4A(4) Kap. 69) għandu effetti b'saħħithom kontra l-kerrej, stante li kif jgħid sewwa l-Onor. Imħallef Grazio Mercieca, '*Tkeċċija hija sanzjoni estrema*'[3], il-leġislatur ried li sabiex tiġi applikata dispożizzjoni ta' żgumbrament, kerrej mhux biss irid ikun ma għaddiex jew ma ssodisfax il-kriterji tad-dħul tat-test tal-mezzi, imma ried ukoll ma jissodisfax il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi, u għalhekk, dan ifisser li l-inkwilin huwa soġġett għaż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi sabiex jitqies li ma jkunx issodisfa l-kriterji, u mhux kif interpretat erronjament l-ewwel Qorti, li kundizzjoni waħda hija biżżejjed;

12. Illi mingħajr preġudizzju, u in vista ta' dak diġa sottomess, ir-rikorrenti umilment jissottomettu illi fil-każ odjern, kif jirriżulta ampjament ċar mis-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera, nhar il-15 ta' Lulju 2022, (Rik. Nru. 399/2021), fil-waqt li l-esponenti ma jissodisfawx il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-istess ma jistax jingħad in kwantu d-dħul, u dana stante li l-esponenti jissodisfawh il-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi, u dan hekk kif jirriżulta mis-segwenti estratt mis-sentenza fuq ċitata:

*"Il-Bord wara li ra d-dokumentazzjoni esebita mill-intimati josserva li d-dħul taghhom fil-perjodu rilevanti ma jeċċedix l-ammont indikat fir-Reg. 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11. Mill-provi jirrizulta li d-dħul taghhom fil-perijodu relevanti ossia 2020 kien jikkonsisti minn pensjoni tas-sigurta socjali li fit-2020 kienet fl-ammont ta' €13,716.13 (Dok B). Skond id-dikjarazzjoni tat-taxxa ghas-sena 2020 (Dok Y) it-total tad-dhul tal-intimati kien ta' €14,198.* ***Ghalhekk kwantu ghad-dhul l-intimati jissodisfaw tali kriterju.***

***In kwantu għall-kapital, mid-dokumenti eżebiti, dan jeccedi l-kapital indikat*** *fir-Reg. 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11."(enfasi miżjud);*

13. Illi in vista ta' dak su-espost, l-esponenti umilment jissottomettu illi hawn għandha ssir referenza għall-prinċipju assodat ta' '*ubi lex voluit dixit*'. Saħansitra, dak li jrid is-sub-inċiż (4) tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa li d-dispożizzjonijiet hemm elenkati minnufih japplikaw **biss**

---

[3] Onor. Imħallef Grazio Mercieca fil-ktieb, *'Massimarji tal-Imħallef Philip Sciberras: Dritt Sostantiv, L-ewwel Parti'* f'paġna 824

jekk l-inkwilini ma jissodisfawx, kemm il-kriterji tad-dħul u kif ukoll tal-kapital tat-test tal-mezzi, jiġifieri ż-żewġ kundizzjonijiet flimkien. Dana stante illi l-leġislatur uża l-kelma 'u' f'dan l-artikolu li tindika b'mod tassew ċar illi dawn iż-żewġ elementi, ċioe' l-kriterji tad-dħul u l-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi huma **kumulattivi u mhux alternattivi**;

14. Illi sabiex joħroġ tassew iktar ċar il-punt illi hawn saret interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi, l-esponenti umilment jagħmlu referenza wkoll għal żewġ artikoli addizzjonali tal-liġi:

    Regolament 2(2) ta' L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

    *"(2) Sabiex tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti persuna tkun meħtieġa li jkollha kemm dħul **kif ukoll** kapital fil-limiti stabbiliti b'dawn ir-regolamenti."*

    U Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

    *"(5) Fejn il-kerrej jissodisfa l-kriterji tad-dħul **u** tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord għandu jipproċedi skont is-subartikoli segwenti."*

15. Illi in vista ta' dak su-espost fiż-żewġ artikoli hawn fuq elenkati, joħroġ ċar illi jekk inħarsu partikolarment lejn l-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, din id-dispożizzjoni wkoll tuża l-kelma '**u**'. Jekk l-Artikolu 4A(5) jinqara flimkien mar-regolament 2(2) ta' L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta, joħrog ampjament ċar illi fl-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, l-użu tal-kelma '**u**', qiegħda hemm bi skop, u mhux bi żvista. Għalhekk din tfisser illi la darba il-kelma 'u' fl-Artikolu 4A(5) tfisser illi jridu jiġu sodifatti ż-żewġ binarji, jiġifieri kemm il-kriterji tad-dħul u kif ukoll il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-istess interpretazzjoni tal-kelma 'u' għandha mingħajr ebda dubbju tiġi applikata wkoll fir-rigward tal-Artikolu 4(A)(4) tal-Kap. 69;

16. Illi għalhekk, in vista ta' dak su-espost, l-esponenti umilment u bil-qima jissottomettu u jisħqu illi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet elenkati kif maghmula mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta huma żbaljati u ma jagħmlux sens u dana stante illi fil-waqt illi biex japplika dan is-subartikolu l-kerreja kellhom ma jissodisfawx kemm il-kriterji tal-dħul, u anke tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-istess ma jistax jingħad illi huwa preżenti fil-każ odjern u dana stante illi kif jingħad iktar il-fuq, fil-waqt li l-appellanti ma jissodisfawx il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi, huma **jissodisfaw** il-kriterji tad-dħul tal-istess test;

17. Illi l-esponenti jħossuhom tassew aggravati b'dan il-ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tagħhom, partikolarment id-dritt għas-smiegħ xieraq

stante li fil-konfront tal-esponenti l-liġi ġiet interpretata b'mod żbaljat u inġust, li b'hekk wassal għall-applikazzjoni ħażina tal-istess liġi, bil-konsegwenza tant ħarxa u estrema illi huma ingħataw sentejn żmien biex jivvakaw mill-fond, u biex jippruvaw f'dan iż-żmien jaraw kif ser ikollhom saqaf fuq rashom stante li fil-patrimonju tagħhom ma għandhom l-ebda proprjeta' immobbli abbitabli tagħhom;

18. Illi hawn l-appellanti umilment jagħmlu referenza wkoll għal dak li jgħid L-Onor. Imħallef Grazio Mercieca fil-ktieb, '*Massimarji tal-Imħallef Philip Sciberras: Dritt Sostantiv, L-ewwel Parti'* f'paġna 1 sa 2,

*"Biex wieħed jissellef l-insenjament ta'* ***Ricci (Corso teorico e Pratico di Diritto Civile, Vol 1, Parte 1, pag. 22 para. 13),*** *nell' applicare la legge non si può attribuirle altro senso che quello fatto palese dal proprio significato delle parole secondo la connessione di esse e della intenzione del legislatore. Due obbiettivi deve dunque avere il Giudice nell interpretare la legge, il testo cioè di essa e lo spirito che l-anima … Innanzi tutto è da avvertire che, quando il testo è chiaro e la parola non lascia alcun dubbio sul suo significato, non è lecito ricorrere allo spirito per applicarla o interpretarla a rovescio. Se fosse diverso, sotto pretesto di interpretazione, il Giudice si arrogherebbe il diritto di correggere o modificare la legge a suo arbitrio, il che non puo essere consentito dal principio fondamentale della divisione dei poteri."*

19. Illi referenza addizzjonali hawn issir għal dak li jgħid L-Onor. Imħallef Grazio Mercieca fil-ktieb, '*Massimarji tal-Imħallef Philip Sciberras: Dritt Sostantiv, L-ewwel Parti'* f'paġna 823:

*"Kif inhu risaput, skont ġurisprudenza konkordi, meta jeżisti dubju fl-interpretazzjoni dak id-dubju għandu jmur favur il-kerrej illi minħabba dik l-interpretazzjoni l-oħra jista' jiġi jitlef il-pussess tal-fond. Ara l-****Artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili (...)"*****;**

**b) Id-Dispożizzjonijiet tal-Liġi kif ġew applikati fil-konfront tar-rikorrenti huma diskriminatorji;**

20. Illi l-esponenti konjuġi Schiavone jħossuhom tassew aggravati u dana stante illi d-dispożizzjonijiet tal-liġi li ġew applikati fil-konfront tagħhom mill-Bord li Jirregola l-Kera huma leżivi fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, u dana partikolarment l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dana stante illi d-dispożizzjonijiet hekk applikati huma diskriminatorji u għaldaqstant l-esponenti jirriżulta illi effittavament ma

ngħatawx id-dritt għas-smiegħ xieraq, dan hekk kif ser jirriżulta ampjament ċar fil-paragrafi segwenti;

21. Illi l-esponenti umilment jissottomettu illi kif taf sew din l-Onorabbli Qorti, preżentement sidien ta' proprjeta' mogtħija b'kera ta' qabel is-sena 1995, u ċioe' kirjiet protetti minn liġi speċjali, sabiex tiżdidilhom il-kera sal-valur massimu ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-djar ta' abitazzjoni, skont l-emendi introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021, huma għandhom jagħmlu rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, liema rikors ikollu żewġ għanijiet prinċipali – (i) illi jiġi stabbilit valur ġdid ta' kera dovuta, u (ii) li jitwettaq it-test tal-mezzi, fejn jiġi eżaminat x'inhu d-dħul u l-kapital tal-inkwilini u jiġi eżaminat ukoll dawn l-ammonti fejn jaqaw fit-*thresholds* iffissati fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), sabiex jiġi finalment ikkonfermat jekk l-inkwilini jikkwalifikawx għall-għotja ta' sussidju mill-Awtorita' tad-Djar jew le;

22. Illi sabiex jitwettaq it-test tal-mezzi hawn fuq elenkat il-liġi tiffissa is-segwenti *thresholds* fir-rigward tad-dħul annwali skont l-eta' tal-inkwilin, liema *thresholds* ma għandhomx jinqabbżu sabiex inkwilin jitqies illi jikkwalifika għall-għotja ta' għajnuna mill-Awtorita' tad-Djar:

- Inqas minn 36 sena ----- €28,500
- Bejn 36 u 45 sena -------- €38,000
- Bejn 46 u 55 sena -------- €42,000
- Bejn 56 u 65 sena -------- €44,500
- Bejn 66 u 75 sena -------- €46,500
- 75 sena jew iktar --------- €50,000[4];

Illi apparti minn hekk hemm ukoll is-segwenti *thresholds* fir-rigward tal-kapital skont l'eta' tal-inkwilin, fejn għal darb'oħra t-*thresholds* ma għandhomx jinqabbżu sabiex inkwilin jitqies illi jikkwalifika għall-għotja ta' għajnuna mill-Awtorita' tad-Djar:

- Inqas minn 36 sena ------ €60,000
- Bejn 36 u 45 sena --------- €90,000
- Bejn 46 u 55 sena --------- €185,000
- Bejn 56 u 65 sena --------- €213,000
- Bejn 66 u 75 sena --------- €245,000
- 75 sena jew iktar ---------- €600,000[5];

[4] Reg. 5 L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Reg. 6 L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta.

23. Illi l-esponenti umilment u bil-qima jissottomettu illi l-proċedura adottata fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta), partikolarment dik applikata fil-konfront ta' koppji miżżewġin hija waħda diskriminatorja u tassew leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u huwa għalhekk illi hawn issir referenza partikolari għal-Reg 9. tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), li taqra hekk:

    *"Fil-każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test tal-mezzi għandu jinkludi d-dħul u l-kapital tal-konjuġi konġuntivament."*

24. Illi r-rikorrenti umilment jissottomettu illi għalkemm huma koppja miżżewġa (u ċioe' tnejn min-nies), meta l-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera wasal sabiex jikkunsidra l-mezzi tagħhom, sabiex jitwettaq it-test tal-mezzi kif fuq spjegat, l-assi tal-konjuġi ġew ikkunsidrati konġuntivament, ai termini tar-Reg. 9 tal-L.S. 16.11 tal-Liġijiet ta' Malta su-ċitat. Jiġifieri hawn tnejn min-nies kellhom jissodisfaw l-istess kriterji tad-dħul u tal-kapital, li kieku jkollha tissodisfa persuna waħda li tgħix waħedha.

    Illi l-esponenti umilment u bil-qima jsosstnu illi din id-dispożizzjoni, hija tassew diskriminatorja u leżiva tal-Artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante, illi l-liġi tapplika b'dan il-mod <u>**biss**</u> għal miżżewġin. Iżda f'każijiet fejn tnejn min-nies li ma jkunux miżżewġin u li jkunu jgħixu flimkien, *ad exemplum* ikunu aħwa, f'dan il-każ it-test tal-mezzi jsir separatament fuq iż-żewġ individwi, dan kif saħansitra jirriżulta mir-Reg. 8 tal-L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jingħad hekk:

    *"Fejn ikun hemm diversi persuni li jkunu jippretendu l-kirja in solidum kif hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, għandu jkun biżżejjed jekk persuna waħda (1) minnhom tissodisfa l-kondizzjonijiet dwar id-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi kif provdut f'dawn ir-regolamenti:"*

    Illi l-esponenti hawn jagħmlu referenza għas-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar il-11 ta' Lulju 2022, fl-ismijiet, **Carmel Scerri vs. Joseph Farrugia et.** u fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, fl-ismijiet **Josephine Schiavone vs. Josephine Hili et.,** fejn kif jidher f'paġna 6 tas-sentenzi, il-Bord mexa sabiex iwettaq it-test tal-mezzi fir-rigward taż-żewġ aħwa individwalment, u mhux bħalma jsir fir-rigward ta' tnejn min-nies li jkunu konjuġi fejn id-dħul u l-kapital tat-tnejn li huma jittieħdu bħala valuri konġuntivi.

    Illi in vista ta' dan l-esponenti jinnutaw ukoll illi r-Reg. 9 tal-L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel referenza espliċita' għall-'miżżewġin' u mhux għall-

'koppji', li għaldaqstant jagħti l-fehma illi f'każ li jkun hemm koppja mhux miżżewġa iżda tinsab fi stat ta' ko-abitazzjoni, dan ir-regolament ma jkunx applikabbli għalihom stante li ma humiex miżżewġin, u t-test tal-mezzi jitwettaq separatament bħal każijiet ulterjuri. Għalhekk l-esponenti jisħqu illi din ir-referenza espressa għall-'miżżewġin' fir-Reg. 9 toħroġ aktar fid-dieher l-element diskriminatorju ta' dan ir-regolament;

25. Illi in vista ta' dak su-espost, l-esponenti umilment jissottomettu illi din l-inkongruwenza fl-applikazzjoni tal-istess liġi għall-istess ammont ta' persuni, fejn l-unika differenza tkun fl-*istatus* tal-individwi, fejn fl-ewwel istanza it-tnejn min-nies huma miżżewġin, u fit-tieni istanza it-tnejn min-nies ma humiex miżżewġin, għalkemm ir-realta' hija li fiż-żewġ istanzi it-tnejn min-nies, sew jekk huwa miżżewġin u jekk ma humiex, ser ikollhom bżonn l-istess ammont ta' flus biex ikunu jistgħu jgħixu, ir-rikorrenti għaldaqstant jissottomettu illi dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi huma diskriminatorji u għalhekk huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-konfront tagħhom wasslu wkoll għall-ksur ċar u manifest tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

26. Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **D.H. and Others -vs- The Czech Republic**[6] (Application nru: 57325/00) deċiża fit-13 ta' Novembru, 2007 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem spjegat illi diskriminazzjoni taħt il-Konvenzjoni għandha tinftiehem bħala:

> '175. *The Court has established in its case-law that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations (see Willis v. the United Kingdom, no. 36042/97, §48, ECHR 2002-IV, and Okpisz v. Germany, no. 59140/00, §33, 25 October 2005).*'

27. Illi t-terminu '*similar situation'* ġiet imfissra fid-deċiżjoni **Clift -vs- The United Kingdom**[7] (Applikazzjoni nru: 7205/07) deċiża nhar it-13 ta' Lulju, 2010 bħala s-segwenti:

> *'66. The Court has established in its case-law that in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007; Burden, cited above, § 60; and Carson, cited above, § 61). The Court notes that*

---

[6] D.H. and Others vs. The Czech Republic (Application no. 57325/00) deċiża 13 ta' Novembru 2007, ECtHR

[7] Clift vs. The United Kingdom (Application no. 7205/07) deċiża 13 ta' Lulju 2010, ECtHR

*the requirement to demonstrate an "analogous position" does not require that the comparator groups be identical. The fact that the applicant's situation is not fully analogous to that of shorter-term or life prisoners and that there are differences between the various groups does not preclude the application of Article 14 (see, mutatis mutandis, Petrov v. Bulgaria, no. 15197/02, § 53, 22 May 2008). The applicant must demonstrate that, having regard to the particular nature of his complaint, he was in a relevantly similar situation to others treated differently.'*

28. Illi l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Settembru, 1995 fil-kawża fl-ismijiet **Spadea and Scalabrino -vs- Italy**[8] osservat illi:

*'45. Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article (art. 14) to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated (see the Fredin v. Sweden (no. 1) judgment of 18 February 1991, Series A no. 192, p. 19, para. 60).'*

29. Illi fl-Artikolu 14, il-Konvenzjoni Ewropea trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew *status* iehor;

30. Illi l-esponenti jirrilevaw illi meta l-Qorti tistħarreg l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha:

   a. li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni,
   b. li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin fl-artikolu 45 huma biss indikattivi u jistgħu ikunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, bħalma huwa l-każ fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; u
   c. wieħed irid iqis ukoll li t-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli.

31. Illi madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak;

[8] Spadea and Scalabrino -vs- Italy (Application no. 12868/87) deċiża 28 ta' Settembru 1995.

32. Illi Harris O'Boyle jispjega illi:-

> "*the list of specific grounds on the basis of which discrimination in the area of a Convention right is prohibited is a long one and not exhaustive. The grounds on the list are examples ('any grounds such as ...') and the final one ('or other status') is open-ended";*

33. Illi l-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Abdulaziz, Cabales, and Balkandali -vs- UK**[9] (Application nos. 9214/80; 9473/81; 9474/81) saħqet illi:

*'72. For the purposes of Article 14 (art. 14), a difference of treatment is discriminatory if it "has no objective and reasonable justification", that is, if it does not pursue a "legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised" (see, inter alia, the above-mentioned "Belgian Linguistic" judgment, Series A no. 6, p. 34, para. 10, the above-mentioned Marckx judgment, Series A no. 31, p. 16, para. 33, and the above-mentioned Rasmussen judgment, Series A no. 87, p. 14, para. 38). '*

34. Illi inoltre kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et**[10]:

> *"biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-art. 14 tal- Konvenzjoni, il-qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah; (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalità bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ illi jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, illi l-paragun isir bejn persuni li huma "placed in analogous situations";*

35. Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-ghan tal-Artikolu 14 huwa sabiex " [it] *safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory diffrences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons*

[9] Abdulaziz, Cabales, and Balkandali v UK (Application nos. 9214/80; 9473/81; 9474/81), EctHR.

[10] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjetà Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet.

*are distinguishable from each other"*. [**Thlimmenos vs Greċja** (Applik. Nru. 34369/97) § 40-9];

36. Illi l-esponenti hawn jagħmlu referenza għal dak li kellha xi tgħid il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat** (Rik. Nru. 255/2020 TA):

*'**102.** Fir-risposta tiegħu l-Avukat tal-Istat iwieġeb li r-rikorrent jilmenta dwar diskriminazzjoni dwar ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni iżda imkien ma jispeċifika ma' liema artikolu tal-konvenzjoni qed jabbinah. Dan qiegħed jingħad fid-dawl, li dan l-artikolu partikulari ma hux maħsub li jkollu esistenza indipendenti daqs li kieku kien dritt fih innifsu, bħal ma huwa tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.*

***103.** Jingħad li "The application of Article 14 – read in conjunction with a substantive provision – does not necessarily presuppose the violation of one of the substantive rights guaranteed by the Convention and to this extent it is autonomous" (ara Sidabras and Dziautas -vs- Lithuania, 2004, § 38 u Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. -vs- France [GC], 2008, § 47).*

***104.** Dan l-artikolu dejjem presenta numru ta' problemi ta' natura kemm sostanzjali u kif ukoll proċedurali. Din il-Qorti dejjem ħassitha xi ftit perplessa dwar dan l-artikolu fil-kuntest partikolari ta' pajjiżna, fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni. Dan jingħad fir-rigward tal-lista espressament eżawrenti tal-kawżi li jistgħu jagħtu lok għal diskriminazzjoni taħt artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. **<u>Jekk il-Qrati jaddotaw interpretazzjoni ristrettiva ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, fl-eventwalita' li tkun riskontrata xi diskriminazzjoni li pero' ma tistax tkun abbinata ma' xi ksur ta' xi dritt konvenzjonali, inkunu qegħdin potenzjalment navventuraw f'terren fejn jista' jkollok diskriminazzjoni mhux imħarsa kemm mill-Konvenzjoni u kif mill-Kostituzzjoni. Għalhekk l-individwu jista' jkun li qed jiġi diskriminat, pero' mingħajr rimedju taħt il-liġi.</u>***

*105. Propju minħabba f'hekk kien hemm żvillupp fejn id-diskriminazzjoni waħedha mingħajr il-ħtieġa ta' rabta ma dritt konvenzjonali, xorta ngħatat ħarsien taħt artikolu 14 tal-Konvenzjoni (ara Sentenzi tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Sommerfeld -vs- Germany [GC], 2003 u kif ukoll Marckx - vs-Belgium, 1979 u The Belgian linguistic case, 1968). Kien hemm diversi permutazzjonijiet oħrajn dwar kif kien applikat dan l-artikolu, għaliex finalment dak li huwa importanti hu, li l-imweġġa' jirrivendika d-drittijiet tiegħu (ara fost oħrajn Sentenzi tal-Qorti Erwopeja fl-ismijiet Bacskowski*

*et -v- Poland, 2007, Aziz -vs- Cyprus, 2004 u Nachova et -vs-Bulgaria [GC], 2005).*

*(...)*

*117. Għalhekk din il-Qorti, sa fejn jirrigwarda l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni tasal li dan kien tassew leż u miegħu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti temmen, li smiegħ xieraq ma jinkludiex biss dawk l-effetti li dejjem sagramentalment jissemmew, iżda jfisser ukoll li l-akkużat ma għandux ikun trattat b'mod differenzjali minn oħrajn fl-istess posizzjoni. It-trattament differenzjali fih innifsu huwa ċ-ċaħda tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. It-trattament jrid ikun mhux ġustifikat, mhux raġjonevoli jew sproporzjonat.*

*(...)*

*119. Fl-aħħar nett il-Qorti trid tipppuntwalizza s-segwenti. Biex tiġi riskontrata diskriminazzjoni, ma hux meħtieġ li t-trattament diskrimintorju jkun imnissel minn għemil volut u intenzjonat. Anke jekk ma tkunx, bħal ma fil-fatt huwa l-każ odjern, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt, li xorta jista' iseħħ diskriminazzjoni abbażi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.'*

37. Illi huwa ċar li l-fatti u ċ-ċirkostanzi hawn fuq spjegati taw lok għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

38. Illi l-esponenti umilment u bil-qima jissottomettu illi in vista ta' dak su-espost, id-dispożizzjonijiet tal-liġi kif ġew enforzati fil-konfront tagħhom, wasslu għal-leżjoni grossolana tad-drittijiet fundamentali tagħhom u dana stante illi meta għandek żewġ istanzi li jistgħu jitqiesu li jissodisfaw il-prinċipju ta' *comparison of* '*like with like*', ċioe' fejn għandek tnejn min-nies li qiegħdin jgħixu flimkien, fejn l-unika differenza bejn iż-żewġ istanzi hija biss l-*istatus* tal-persuni, ċioe' jekk hux miżżewġin jew le, il-liġi qiegħda tiġi applikata b'modi differenti u diskriminatorji. Illi sabiex jiġi evitat trattament diskriminatorju f'dawn iċ-ċirkostastanzi, it-test tal-mezzi in kwantu koppji miżżewġin ma jistax jibqa' jiġi mwettaq konġuntivament fuq l-istess binarji li kieku jridu jiġu sodisfatti minn individwi.

Illi mingħajr preġudizzju, hawn jista' wkoll jitqajjem il-punt illi ġeneralment bejn il-konjuġi il-patrimonju tagħhom ikun amministrat mill-istitut tal-komunjoni tal-akkwisti, u b'hekk ifisser illi diviżjoni ċara tal-assi ta' konjuġi ma tistax tintlaħaq faċilment. Iżda f'dan il-każ, u dejjem mingħajr preġudizzju, xorta waħda ma jistawx jibqgħu jiġu implimentati dispożizzjonijiet tal-liġi li huma diskriminatorji, u b'hekk soluzzjoni vijabbli

għal dawn l-istanzi għandha tiġi esplorata. Hawn fil-liġi għandu (a) jew jiġu ffissati *thresholds* applikabbli speċifikament għall-konjuġi, jew (b) minflok jiġu ffissati *thresholds* separati, jiġu applikati it-*thresholds* diġa' eżistenti skont l-etajiet tal-inkwilini, u jiġi formulat ammont sħiħ li ma għandux jinqabeż. *Ad exemplum* fil-każ odjern, la darba Victor Schiavone għandu 73 sena, fil-każ tiegħu id-dħul applikabbli skont Reg. 5 ta' L.S.16.11 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ta' €46,500 fis-sena, u inkwantu l-kapital ai termini ta' Reg. 6 japplika l-ammont ta' €245,000, u fil-każ ta' Margaret Schiavone li għandha 62 sena in kwantu d-dħul japplika l-ammont ta' €44,500, u in kwantu l-kapital €213,000. Għaldaqstant, dawn l-ammonti meħudin konġuntivament għandu jfisser illi flimkien ma jistawx ikollhom dħul ta' iktar minn €91,000 u ma jistawx ikollhom kapital ta' iktar minn €458,000.

**Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:**

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi l-mod kif ġiet interpretata l-liġi, partikolarment l-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta hija skorreta, u hija waħda li tilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, partikolarment l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. **Tiddikjara** illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti konjuġi Schiavone għal smiegħ xieraq u illi ġew applikati lilhom dispożizzjonijiet tal-liġi diskriminatorji u dan bi ksur tal-Artikolu 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. **Takkorda** dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.

**Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa għas-subizzjoni.**

Rat ir-risposta ta' Joseph Azzopardi u oħrajn (l-intimati sidien) tal-25 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

**i.** Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rikors Nru. 496 / 2021 AD - AZZOPARDI JOSEPH ET vs AVUKAT TAL-ISTAT ET, deciza fit-8 ta' Lulju 2022, gie dikjarat u deciz mill-imsemmija Qorti illi:-

(i) Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti, u tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

(ii) Tilqa' t-tieni talba rikorrenti, u tiddikjara illi l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti

per konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap 69 u l-Att X tal-2009 tallIġijiet ta' Malta;

(iii) Tilqa' t-tielet talba rikorrenti, u tillikwida danni pekunjarji fl-ammont ta' tlieta u disgħin elf, sitt mija u tnejn u sebgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€93,672.35) u danni non-pekunjarji fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000);

(iv) Tilqa' r-raba' talba rikorrenti, u tikkundanna lill-intimat Avukat tallstat iħallas id-danni pekunjarji u non-pekunjarji kif likwidati;

(v) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat u tal-intimati Victor u Margaret konjuġi Schiavone in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

**ii.** Illi din is-sentenza hija finali u la l-Avukat tal-Istat u lanqas il-konjugi Schiavone ma appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Qorti Kositutzzjonali.

**iii.** Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Rikors numru 31/19/1 GM fl-ismijiet Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana u Rita Agius u l-Avukat Ġenerali li skont id-digriet tat-28 ta' Settembru 2020 ġie sostitwit għall-Avukat tal-Istat**, ddikjarat illi l-inkwilini m'ghandhom l'ebda dritt vestit li huma jibqghu jokkupaw il-fond lilhom lokat, u bid-dikjarazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ta' lezjoni ta' drittijiet proprjetarji tas-sidien, b'daqshekk ma jfissirx illi l-intimati inkwilini sofew lezjoni tad-drittijiet ta' okkupazzjoni taghhom.

**iv.** Illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tad-29 ta' Lulju 2021 fil-kawza Joseph Azzopardi et vs Victor Schiavone et, il-Bord li Jirregola l-Kera ddecieda l-kawza bil-mod segwenti:-

1. Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u jiddikjara li l-intimati ma jissodisfawx ilkriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi;
2. Jichad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti;
3. Jilqa' r-raba talba tar-rikorrenti fis-sens illi jiddikjara li l-intimati Schiavone ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi u għaldaqstant ai termini talArtikolu 4A(4) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta qed ixolji l-kirja vigenti favur lintimati tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla u jordnalhom jivvakaw mill-istess fond fi żmien sentejn mil-lum filwaqt illi jillikwida l-kumpens pagabbli mill-intimati ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni fit-terminu hawn stabbilit ta' sentejn millum, fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) fis-sena u għal dan il-għan il-Bord qed jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-imsemmi kumpens ta' sitt elef ewro (€6,000) kull sena għall-okkupazzjoni tal-istess fond in meritu mil-lum 'il quddiem u sakemm huma jibqghu fl-okkupazzjoni tal-istess fond fiż-żmien hawn konċess f'din is-sentenza ossia ta' sentejn millum.

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorita sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.
Spejjez a karigu tal-intimati Schiavone

**v.** Illi r-rikorrenti odjerni appellaw mis-sentenza fuq msemmija, liema kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), u hija appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-4 ta' Novembru 2022.

**vi.** Illi din il-kawza ghalhekk hija irrita u nulla ghax hija intempestiva u giet pprezentata qabel ma l-kawza surreferita giet deciza b'mod finali u saret res judicata.

**vii.** Illi b'hekk ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji disponibbli lir-rikorrenti u huma ma setghux jirrikorru quddiem din l-Onorabbli Qorti.

**viii.** Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza **Rikors Kostituzzjonali Numru 600/2021 LM fl-ismijiet Carmelo Azzopardi (K.I. nru. 364637(M)) noe et vs. Avukat tal-Istat et** deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2022.

**ix.** Illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, Regolamenti Dwar It-Tkomplija Tal-Kirja (Kriterji Ta' Test Tal-Mezzi), malajr taghti risposta carissima dwar dan, proprju fl-Artikolu Nru. 2(2) tal-istess Regoalmenti, fejn jinghad illi:-

**(2) Sabiex tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti persuna tkun meħtieġa li jkollha <u>kemm dħul kif ukoll kapital fil-limiti</u> stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.**

**x.** Illi in vista tal-kjarezza tal-Ligi f'dan ir-rigward, m'hemmx wisq aktar x'wiehed jzid dwar l-ewwel aggravju, u m'hemmx dubju illi dan ghandu jigi michud .

**xi.** Illi fi kwalsiasi kaz, il-Bord kien korrett fid-decizjoni tieghu u dan stante illi huma mexa mal-kazistika l-iktar recenti f'dan ir-rigward fejn il-bicca l-kbira tas-sentenzi qed jaghtu l-massimu permessibbli mil-Ligi, u dan minhabba l-fatt illi anke l-massimu ta' 2%
diga' hafna drabi huwa ferm inqas minn dak li jista' jrendi s-suq. Fuq bazi generali,
l-yield tas-suq huwa ta' circa 4.5%, u b'hekk aktar mid-doppja ta' dak permess mil-Ligi.

**xii.** Illi inoltre, *l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta'* ***Gerald Camilleri v. Avukat Generali et*** **deciza fis-6 ta' Ottubru 2020, Rikors Nru: 113/2018/1,** ezortat lill-Bord li Jirregola l-Kera sabiex joqrob lejn il-massimu meta qed jiddeciedi fuq l-awmenti fil-kera u mhux jimponi awment li huwa aktar vicin l-minimu u biex tghaxxaq li joghla biss gradwalment wara medda ta' snin;

*"Dan qieħged jingħad bla ħsara għall-konsiderazzjoni – illi hija x'aktarx ta' natura ġenerali milli applikabbli speċifikament għal dan il-każ – illi, jekk huwa tassew minnu illi l-kera fis-suq fiż-żmien relevanti jkun bejn tlieta u nofs u*

*erbgħa fil-mija (3.5-4%), ikun għaqli l-Bord li Jirregola l-Kera illi, f'każijiet taħt l-art.12B tal-Kap. 158, jiffissa kera li jkun eqreb lejn il-massimu milli lejn il-minimu li tagħti l-liġi biex jinżamm proporzjonalità raġonevoli bejn il-kera fis-suq u dak li tagħti l-liġi."*

**xiii.** Illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, Regolamenti Dwar It-Tkomplija Tal-Kirja (Kriterji Ta' Test Tal-Mezzi), u cioe l-Artikolu 9 tal-istess Regolamenti, jinghad car u tond illi "Fil-każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test tal-mezzi **għandu jinkludi d-dħul u l-kapital tal-konjuġi <u>konġuntivament</u>.**"

**xiv.** Illi mhux minnu illi l-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi z-zewg kundizzjonijiet ghandhom jkunu kumulattivi sabiex jitqies illi xi inkwilin ma jkunx issodisda l-kriterji, imma kundizzjoni wahda hija bizzejjed ghal dan.

**xv.** Illi kieku dan huwa minnu, l-inkwilin b'mezzi straordinarji jkun protett f'kirja tenwa a skapitu tas-sidien, u dan fih innifsu huwa lanjanti d-drittijiet tas-sidien stante illi ma jkunx inzamm bilanc bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin.

**xvi.** Illi ma saret l'ebda interpretazzjoni u/jew applikazzjoni zbaljata tal-Ligi kif fuq inghad.

**xvii.** Illi m'hemm l'ebda dubju ta' interpretazzjoni imma dubju kkreat biss minn kerrejj avaru li jippretendi li jista' jzomm id-dar tas-sid a skapitu tal-istess sidien, meta ghandu l-mezzi biex huwa jfittex post iehor fejn joqghod, u ghalhekk ghandu jitlef il-pussess tal-fond gialadarba ma ssodisfax il-kriterji tat-test tal-mezzi.

**xviii.** Illi m'huwa veru xejn illi d-disposizzjonijiet kif gew applikati huma diskriminatorji in konfront tal-istess inkwilin.

**xix.** Illi l-assi tal-konjugi ghandhom jigu kkalulati t-tnejn flimkien jekk jissodisfaw it-test tal-mezzi u mhux b'mod separat, u dan stante il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi li jghixu taht l-istess saqaf fl-istess dar, jaqsmu u jhalltu flimkien.

**xx.** Illi konsegwentement, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) mhix qieghda intiza biex tara jekk l-interpretazzjoni moghtija ghall-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta hix korretta o meno, izda sabiex tiddeciedi kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u cioe jekk effettivament sarx ksur ta' drittijiet fundamentali kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea. Illi l-interpretazzjoni tal-Ligi hija ta' mansjoni tal-Qrati ordinarji ossia tal-Bord li Jirregola l-Kera u tal-Qorti tal-Appell (Sede

Inferjuri), u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu skartati u mwarrba kif fuq inghad.

**xxi.** Illi lanqas hemm lanjanza ta' ksur ta' drittijiet kostituzzjoni tal-konjugi Schiavone ghal smiegh xieraq u/jew illi d-disposizzjonijiet kien diskriminatorji, u dan stante illi sia fil-kawza kostituzzjonali Rikors Nru. 496 / 2021 AD - AZZOPARDI JOSEPH ET vs AVUKAT TAL-ISTAT ET, deciza fit-8 ta' Lulju 2022, tant instemghu illi huma ghamlu r-risposta taghhom, ghamlu n-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, u anke pprezentaw l-affidavits taghhom. L-istess sar fil-kawza quddiem il-Bord tal-Kera 399/21 NB fl-ismijiet Joseph Azzopardi et vs Victor Schiavone et, li ghadha sotto appell.

**xxii.** Illi kieku ma nstemghux ma kienux jappellaw minn din il-kawza, liema appell huwa appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tal-4 ta' Novembru 2022, u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-istat (l-intimat Avukat) tat-3 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi, preliminjarjament, l-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali u konvenzjonali tar-rikkorenti huma għal kollox intempestivi stante illi l-proċeduri ċivili quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) għadhom sub judice. Partikolarment fir-rigward tal-ilment dwar l-allegat applikazzjoni żbaljata tal-liġi, din l-Onorabbli Qorti ma tista qatt tasal għal dik il-konklużjoni mitluba mir-rikorrenti mingħajr ma tużurpa s-setgħa tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) illi tiddeċiedi l-istess kwistjoni. Għalhekk, huwa pależi illi dak illi qed jittentaw jagħmlu r-rikorrenti huwa xejn għajr illi jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taġixxi ta` Qorti tat-tieni grad u tiddeċiedi hi kawża illi għandha pendent quddiem il-forum kompetenti;

2. Illi, preliminarjament ukoll u magħdud mal-premess, hemm lok illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat Kostituzzjonali u Konvenzjonali tagħha, ai termini tal- Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, stante l-eżistenza ta` rimedji ordinarji illi r-rikorrenti għadhom ma eżawrixxewx, inkluż il-possibilita ta`ritrattazzjoni;

3. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-ilmenti tar-rikorretni huma fis-sens illi, fl-ewwel lok, l-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija mill- Bord li jirregola l-Kera fis-sentenza tagħha tal- 15 ta` lulju 2022 hija żbaljata a detriment

tagħhom, u għaldaqstant ġie leż id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq ; u fit-tieni lok , li l-liġi innifisha hija diskriminatorja kontra r-rikorrenti qua koppja miżżewġa bil-konsegwenza li la l-liġi ġiet applikata fil-konfront tagħhom, huma ma nghatawx smigħ xieraq. L-ilmenti tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet illi qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzu għal xulxin:

4. Illi, rigward l-ilmenti taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, jissokta Jingħad li l-ilmenti tar-rikorrenti huma manifestament bl abbażi. Id-dritt għal smigħ xieraq huwa intiż sabiex jassigura aċċess għal Qorti u li fi proċeduri pendent jkun hemm dak li jissejjaħ "proċedural fairness". Kif sewwa jingħad fil-Gwida dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea maħruġ mill-organi tal-Kunsill tal-Ewropea maħruġ mill-organi tal-Kunsill tal-ewropa, "*there is often misunderstanding as to the exact meaning of the term "fair" in Article 6 &1 of the convention* The "fairness" required by Article 6 1 is not substantive " fairness, a concept which is part-legal, part-ethical and can only be applied by the trial court (see Balliktas Bingollu v Turkey,2021 &78) Article 6&1 only guarantees "procedural" fairness, which translates in practical terms into adversarial proceedings in which submissions are heard from the parties and they are placed on an equal footing before the court ( star Cate Epilekta Gevmata and Others v . Greece (dec.),2010). The fairness of proceedings is always assessed by examining them in their entirety, so that an isolated irregularity may not be sufficient to render the proceedings as a whole unfair (Mirolubovs abd Others v. Latvia, 2009 & 103).` (emfasi miżjud)

5. Illi, in vista tal-fatt illi l-ilmenti tar-rikorrenti dwar nuqqas ta` smigħ xieraq huma għal kollox bl abażi u ma jaqgħux fl- "ambitu" tad-dritt taħ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, isegwi għalhekk illi l-ilment taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa wkoll manifestament bl abażi u għandu jiġi rigettat;

6. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u in ogni caso, ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u, jew tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi mhux kull trattament differenti huwa diskriminatorju, Koppja miżżewġa ma hijiex fl-istess posizzjoni bħal żewġ minn nies illi qed jikkoabitaw flimkien u għaldaqstant ir-rirkorrenti ma humiex " *in a relevantly similar situation*" għal dawk il-persuni l-oħra msemmija minnhom;

7. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, anki jekk ġiħ tal-argument, din l-Onorabbli Qorti ssib illi kien hemm trattament differenti bejn persuni f` sitwazzjoniet analogi, dan ma jfissirx illi kien hemm diskriminazzjoni kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 45 u 14, stante illi tali trattament differenti għandu għan leġittimu u huwa proporzjonali;

8. Jiġi għalhekk illi la l-ewwel u l-anqas it-tieni talba rikorrenti ma jistgħu jiġu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti, bil-konsegwenza illi t-talba għal rimedju effetiv għandha tiġi riġettata wkoll;

**GĦALDAQSTANT,** l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma soffrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti u dokumenti kollha fir-rikors.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni li tressqu biex jixhdu fil-perkors tas-smiegħ u trattazzjoni tar-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-intimati sidien huma propjetarji tal-fond 44, Triq il-Vitorja, l-Isla mentri r-rikorrenti huma l-kerejja. Dan il-fond ilu mikri lir-rikorrenti għal dawn l-aħħar 34 sena.

L-intimati sidien għamlu kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera abbażi ta' l-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talbu li jsir l-eżami tal-mezzi. F'każ li jiġi stabbilit, kif fil-fatt ġie stabbilit, li r-rikorrenti ma jissodisfawx dan it-test għaliex il-ġid tagħhom kemm dak tal-entrojtu u kif ukoll dak kapitali jeċċedi t-'treshold' li tistabilixxi l-liġi skond ir-regolamenti 5 u 6 tal-L.S 16.11 tal-Liġijiet ta' Malta. Fost affarijiet oħra r-regolament jistabilixxi wkoll li f'każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test inkwistjoni għandu jinkludi wkoll id-dħul u l-kapital tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra.

Il-Bord li Jirregola l-Kera fis-Sentenza tal-15 ta’ Lulju 2022 tiegħu, wara li sar it-test tal-mezzi, ikkonkluda li r-rikorrenti ma kinux jissodisfaw dan it-test u fil-waqt li stabbiliet kera’ ta’ sitt elef ewro (€6000) fis-sena prefiġġiet żmien sentejn wara jkollom joħorġu mill-fond imsemmi. L-intimati inkwilini interponew Appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li kkonferma s-Sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera.

**Punti ta’ Liġi**

Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa mill-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u mill-artikoli rispettivi tal-Konvenzjoni 6 u 14 u fir-rigward ta’ artikolu 4A(4) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta’ Malta li jiddisponi hekk:

*“Fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord għandu, wara li jkun sema’ kwalunkwe evidenza u sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-kerrej żmien ta’ sentejn (2) sabiex id-dar ta’ abitazzjoni tiġi vakata. Il-kumpens pagabbli lil sid il-kera għall-okkupazzjoni tad-dar ta’ abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu għandu jiġi determinat mill-Bord skont il-każ.”.*

Ir-rikorrenti jargumentaw li kif inhi l-liġi, inkluż ir-regolamenti 5, 6 u 9 tal-L.S16.11 hija diskriminatorja kontra tagħhom stante li huma fi stat ta’ żwieġ. Jgħidu wkoll, li kemm l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-kriterji għat-test tal-mezzi mill-Bord hija ħażina u li għalhekk ma ngħatawx smiegħ xieraq. Pero jinvoka wkoll

id-diskriminazzjoni għaliex fil-waqt li f'każ ta' tnejn miżżewwġin it-test tal-mezzi jsir b'referenza għal kull dħul u kapital li t-tnejn flimkien għandhom, iżda mhux hekk fil-każ ta' tnejn min-nies li ma jkunux flimkien iżda jkunu jgħixu flimkien u bħala eżempju jsemmu aħwa, it-test inkwistjoni jsir separatament.

Il-Qorti ser tkun qed tikkunsidra l-artikoli invokati fl-istess ordni li jissemmew mir-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet**

_L-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-konvenzjoni rispettivament._

Dawn huma l-artikoli li jħarsu d-dritt ta' smiegħ xieraq. Dan id-dritt jimplika prinċipalment żewġ rekwiżiti: li Qorti għandha tkun imparżjali fis-sens li tisma' iż-żewġt iqniepen (*audi alteram partem*) u kif ukoll, li min jiġġudika irid ikun ħieles minn kull konflitt ta' interess u preġudizzji (*nemo judex in causa propia*). Imma dan id-dritt ifisser ukoll li kull konsiderazzjoni u lment dwar drittijiet u obligazzjonijiet ta' natura ċivili għandha tkun deċiża u determinata mingħajr dewmien irraġjonevoli.

Ir-rikorrenti fil-Kawża, bhal donnhom jimmiraw għall-ewwel rekwiżit, għaliex ma humiex jilmentaw minn dewmien irraġjonevoli, iżda minn applikazzjoni u interpretazzjoni ħażina tal-artikolu 4(A)(4) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta mill-Bord li Jirregola l-Kera. Jiġifieri, l-ilment tagħhom huwa kostruwit fuq punt ta' sustanza u mhux ta' proċedura.

Jidher li r-rikorrenti qed jilmentaw li ġie leż id-dritt taħt dawn l-artikoli mhux għaliex ma ngħatawx smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn qorti jew awtoritá oħra ġudikanti indipendenti u imparzjali. L-anqas għaliex hemm xi difett proċedurali li ċċaħħadhom minn xi dritt jew minħabba xi imparzjalita' soġġettiva jew oġġettiva tal-Ġudikant. F'dan ir-rigward din il-Qorti fliet sewwa l-atti tal-Kawża li kien hemm quddiem il-Bord u ma sabet xejn f'dan ir-rigward. Dik il-Qorti f'ebda ħin ma ppermettiet li r-rikorrenti ma jkunux pari (equality of arms) fil-presentazzjoni tal-każ tagħhom. Kif diġa' rilevat, ir-rikorrenti qed isostnu l-ilment tagħhom abbażi tal-interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi u li minħabba f'hekk ġew preġudikati fid-drittijiet tagħhom.

Din il-Qorti tqis li dan l-ilment ma jinkwadrax ruħu taħt l-imsemmija artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali. Fir-rigward il-kelma "fair" f'artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li nsibuha wkoll fl-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni u ċioe' 39(1) fl-iżvilupp tal-ermenewtika tal-ECHR huwa riassunt hekk: "*there is often misunderstanding as to the exact meaning of the term "fair" in Article 6 § 1 of the Convention. The "fairness" required by Article 6 § 1 is not "substantive" fairness (a concept which is part-legal, part-ethical and can only be applied by the trial court), but "procedural" fairness. Article 6 § 1 only guarantees "procedural" fairness, which translates in practical terms into adversarial proceedings in which submissions are heard from the parties and they are placed on an equal footing before the court (Star Cate Epilekta Gevmata and Others vs Greece (dec.)). The fairness of proceedings is always assessed by examining them in their entirety, so that an isolated irregularity may not be*

*sufficient to render the proceedings as a whole unfair (Miroļubovs and Others v. Latvia, § 103)."* (Ara **Guide on Article 6 of the Convention – Right to a fair trial (civil limb) pg 39**).

Di fatti huwa ċar, li r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-partijiet sostantivi tal-liġi u ċioe' l-artikolu 4 (A) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta. L-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli ma jinċidux fuq il-proċedura iżda fuq is-sustanza ta' dak li tiddisponi l-liġi. Anke jekk dak li qegħdin jgħidu huwa minnu ma jfissrix li ma ingħatax smiegħ xieraq sakemm ma hemmx xi żvantaġġ proċedurali ta' natura serja. Imma sa fejn jitratta kemm il-Ġudikant u kif ukoll il-proċedura, ma sabet ebda ksur tal-prinċipji li jwasslu għal smiegħ xieraq.

Li ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-liġi li tagħti l-Qorti ma jfissirx li hemm ksur tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq fis-sens Kostituzzjonali. Li jfisser, li jista' jkun hemm raġunijiet għall-appell li fil-fatt sar. Imma wkoll irridu niftakru li din il-Qorti la hija appell tat-tielet istanza u lanqas hija adita biex tagħmel ritratazzjoni tal-ilment prinċipali deċiż mill-Bord u kif konfermat mill-Qorti tal-Appell.

Għaldaqstant sa fejn jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti, kemm taħt artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-konvenzjoni dan ser ikun miċħud.

*<u>L-arikolu 45 tal-Kostituzzjoni</u>*

Dan l-artikolu jgħati definizjoni ċara ta' x'għandna nifhmu bil-kelma diskriminazzjoni u ċioe' "*F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew*

*prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn".*

Kuntrarjament għall-artikolu korrispondenti tal-Konvenzjoni u ċioe' artikolu 14, l-artikolu tagħna jelenka x-xorta ta' istanzi li jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni. Minn qari ta' dan l-artikolu jirriżulta li dan ma jħalli ebda wiesgħa għal estenzjoni ta' istanzi oħra ħlief għal dawk elenkati. Huwa ċar minn qari ta' dan is-sub-inċiż illi sabiex l-Artikolu 45 ikun applikabbli jeħtieġ l-ewwel nett illi jirriżulta li l-allegata diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti tkun saret a bażi ta' wieħed mill-irjus indikati espressament u b'mod eżawrijenti fit-tielet sub-inċiż ta' dan l-artikolu.

Kif sewwa ingħad fis-**Sentenza fl-ismijiet Ivan Vella vs Avukat Ġenerali et Kostituzzjonali tal-25 ta' Novenbru 2011** biex ikun jista' jingħad li seħħ ksur ta' jedd fundamentali dwar il-ħarsien mid-diskriminazzjoni taħt il-Kostituzzjoni, irid jintwera li l-liġi partikolari jew it-tħaddim tagħha jew l-għamil ilmentat ikun jaqa' taħt xi waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Dan ifisser li r-raġuni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dak il-jedd fundamentali trid tassattivament taqa' taħt waħda mir-

raġunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu. Is-sett ta' istanzi msemmija mill-artikolu 45 m'humiex illustrattivi iżda tassattivi.

Issa minn eżami ta' l-ilmenti tar-rikorrenti, dak li qed jilmentaw minnu ma jidhirx li jaqa' taħt xi wieħed mill-irjus li jsemmi l-artikolu 45. Hija sfortuna li sal-lum l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu baqa' hekk limitat partikolarment fid-dawl tat-tibdiliet ta' natura soċjali li evolvew matul iż-żmien, fost oħrajn bħal dawk li sabu lilhom infushom fihom ir-rikorrenti. (Ara wkoll **P.A. (Kost) tal-15 ta' Frar 2002 fl-ismijiet Michael A Henley -vs- Il-Prim Ministru et)**

Għalhekk anke dan l-ilment taħt dan l-artikolu tal-kostituzzjoni ser ikun miċħud.

*L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni*

Dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu hemm żewġ skejjel ta' ħsieb. L-ewwel waħda u l-aktar antika hija dik li ssostni li dan l-artikolu m'għandux eżistenza awtonoma fis-sens li sabiex ikun hemm ksur tiegħu bil-fors irid ikun b'referenza għal xi wieħed mid-drittijiet fundamentali elenkati mill-Konvenzjoni.

Għalhekk b'referenza għall-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni ġie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Abdulaziz, Cabales and Balkandali tat-28 ta' Mejju 1985**:

"*Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily*

*presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter*".

Min-naħa l-oħra hemm l-iskola tal-ħsieb l-oħra li hija aktar riċenti li tgħid, li dan l-artikolu għandu ħajja awtonoma fis-sens li mhux eżawrenti. Għalhekk "*The application of Article 14 – read in conjunction with a substantive provision – does not necessarily presuppose the violation of one of the substantive rights guaranteed by the Convention and to this extent it is autonomous*" (ara **Sidabras and Dziautas -vs-Lithuania, 2004, § 38 u Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. -vs- France [GC], 2008, § 47**).

Din il-Qorti taqbel ma' din l-aħħar skola, li tissuplimenta wkoll ir-riġidita' fl-applikazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

L-argument prinċipali tar-rikorrenti huwa fis-sens, li d-disposizzjoni tal-liġi, b'referenza għar-regolament 9 tal-L.S 16.11, l-assi ta' min huwa miżżewweġ, kemm sa fejn jirrigwarda d-dħul u kif ukoll l-assi kapitali, huma meħudin konġuntivament flimkien fit-test tal-mezzi, daqs li kieku kienu persuna waħda mentri żewġ persuni li jkunu flimkien u jgħixu taħt l-istess saqaf, iżda mhux miżżewġin, ai fini tat-test tal-mezzi tkun ikkunsidrata persuna waħda.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan. Il-Qorti hija konsapevoli, li l-istat tat-tagħlim dwar din il-vertenza huwa fis-sens, li biex jiġi skontrat ksur ta' dan l-artikolu, min jilmenta jrid iġib il-prova li ħaddieħor, fl-istess posizzjoni tiegħu, ġie trattat b'mod

differenti u aktar favorevoli. Imma din hija diskriminazzjoni tax-xorta vertikali fis-sens, diskriminazzjoni li s-sors tagħha hija sitwazzjoni emprika, fejn ikun jirriżulta li persuni fl-istess qagħda ġew trattati differentement. Pero' hemm xorta oħra ta' diskriminazzjoni. Dan meta jirriżulta lill-Qorti li liġi tkun tippermetti fuq livell anke ipotetiku li persuni fl-istess sitwazzjoni u mhux neċessarjament identiċi bil-fors iridu jkunu trattati differenti b'mod favorevoli. Ir-rikorrenti anke jsemmu bħala eżempju żewġt aħwa li jkunu jirrisjedu fl-istess post. Regolement 8 tal-L.S 16/11 jiddisponi li "Fejn ikun hemm diversi persuni li jkunu jippretendu l-kirjain solidum kif hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, għandu jkun biżżejjed jekk persuna waħda (1) minnhom tissodisfa l-kondizzjonijiet dwar id-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi kif provdutf'dawn ir-regolamenti" Għalhekk huwa minnu fil-każ ta aħwa huwa wieħed minnhom biss li jwieġeb għat-trest tal-mezzi, iżda kif ser jingħad aktar 'l quddiem anke hawn l-anoloġija ma treġix.

Intqal li *"There is a positive obligation on Member States, arising from Article 14 ECHR, to take action going beyond addressing discrimination, but the scope of this obligation remains uncertain. In Thlimmenos v Greece the Court considered that Article 14 encompassed 'the right … not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention … <u>when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification</u>.'*

*The court also considered that Article 14 is violated 'when States without an objective and reasonable justification fail to treat differently persons whose situations are significantly different.' In Stec v UK, the Court went somewhat further, stating that 'in certain circumstances a failure to attempt to correct inequality through different treatment may in itself give rise to a breach of the article.' This point was specifically approved in DH and others v Czech Republic.*

*Even though the applicants' allegation in that case was 'not that they were in a different situation from non-Roma children that called for different treatment or that the respondent State had failed to take affirmative action to correct factual inequalities or differences between them,' the Court appeared to envisage that this was a possible claim under Article 14"* (**The Concepts of Equality and Non-Discrimination in Europe: A practical approach European Network Of Legal Experts in the Field of Gender Equality Christopher McCrudden and Sacha Prechal pg 41**).

Issa huwa minnu, li bħala tali din il-Qorti m'għandhiex il-prova konkreta li kien hemm persuni oħrajn fl-istess posizzjoni jew analoga, li ġew trattati differenti. Għalhekk trid issir il-mistoqsija *in abstracto,* jekk tnejn li qegħdin f'unjoni ċivili humiex ser ikunu trattati bl-istess mod fid-dawl tar-regolament 9 fuq imsemmi, għaliex mad-daqqa t'għajn dan jindirizza unikamement lil dawk li huma miżżewġin biss.

Sa fejn jirrigwarda koppji li qegħdin f'unjoni ċivili, artikolu 4 tal-kap 530 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li "*Ħlief kif previst f'dan l-Att, unjoni ċivili, la darba tkun*

*reġistrata, <u>għandha mutatis mutandis ikollha l-effetti u l-konsegwenzi li jikkorrispondu fil-liġi ta' żwieġ </u>ċivili magħmul skont l-Att*". (Emfażi tal-Qorti). Dan ifisser li la darba unjoni ċivili tkun reġistrata skond il-liġi, l-effetti kollha li jġib miegħu ż-żwieġ jiġu in effett fir-rigward ta' kull effett ieħor f'kull liġi oħra sa fejn tolqot lil min huwa miżżeweġ. U sabiex il-leġislatur ineħħilna kull dubbju li jista' jkollna dwar dan il-punt hu jissiġilla kollox b'artikolu 9 tal-istess liġi fejn insibu li "*F'sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet u l-obbligi tal-imsieħba ċivili m'humiex ċari, <u>għandu jsir kull sforz</u> biex jiġi żgurat illi d-determinazzjoni ta' dawk id-drittijiet u l-obbligi tkun tali li tekwiparhom għal dawk li jgawdu l-konjuġi*". (Emfażi tal-Qorti). Jiġifieri anke fil-każ ta' ħtieġa ta' interpretazzjoni l-ġudikant għandu jagħmel kull sforz biex jikkwiparhom.

Bħala eżempju ta' diskriminazzjoni, r-rikorrenti jsemmu aħwa li jgħixu taħt l-istess saqaf. Fis-**Sentenza ta' Burden and Burden -vs- UK tat-12 ta' Diċembru 2006** l'aħwa Burden ilmentaw li ma kinux qed igawdu minn esenzjoni tat-taxxa li jgawdu l-miżżewġin. Intqal hekk:

"*The applicants <u>could not claim to be in an analogous situation to a couple created by marriage or civil partnership </u>("a couple"). The very essence of their relationship was different, because a couple chose to become connected, whereas for sisters it was an accident of birth. In choosing to become a couple by entering into a formal relationship recognised by law, the partners also made a financial commitment to each other, and agreed to give the courts powers to*

*divide their property and to order one partner to provide for the other on separation."* (Emfażi tal-Qorti).

Dan ifisser, li ironikament, l-eżempju li jsemmu r-rikorrenti bħala illustrazzjoni mhux validu f'għajnejn il-liġi Ingliża, iżda min-naħa l-oħra, dik l-istess Qorti tgħid li tħares lejn il-miżżewġin u koppja f'unjoni ċivili bħala f'sitwazzjoni analoga. Għalhekk il-Qorti tqies li kwantu għal każ ta' koppji f'unjoni, il-liġi tagħna diġa' tipprovdi għaliha u kwantu għall-paragun mas-sitwazzjoni ta' l-aħwa l-Qorti taqbel mar-raġunament magħmul fis-Sentenza ta' Burden fuq imsemmija. Għalhekk fil-każ tal-aħwa ma hemmx sitwazzjoni analoga għaż-żwieġ u b'hekk huwa nieqes l-element ta' 'like with like' li tant huwa essenzjali biex tirnexxi azzjoni ta' diskriminazzjoni.

Għalhekk dan ifisser li dan l-ilment ukoll ser ikun miċħud.

Fl-aħħar nett kwantu għall-artikolu 4A(4) fih innifsu, bil-mod kif qiegħed ikun adoperat mill-Bord, din il-Qorti anke hawn tgħid li m'hemmx ksur. Għalkemm din il-Qorti ma' għandhiex għalfejn tidħol fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu bla tlaqliq tgħid, li r-rikorrenti m'għandhomx raġun.

Li kieku dan l-artikolu kellu jkun interpretat kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti u ċioe' li t-testijiet tal-mezzi huma kumulattivi, fis-sens li jekk ma jkunx sodisfatt wieħed mit-testijiet tal-mezzi, il-persuna hija meqjusa li ssodisfat it-test tal-mezzi, tinħoloq sitwazzjoni assurda. Tant biex il-Qorti tillustra l-argument tagħha, ikun ifisser, li jekk persuna tissodisfa t-test tal-mezzi tal-entrojtu, mentri

dak tal-Kapital ikun jikkonsisti fi proprjeta' li tiswa l-miljuni tal-ewro, allura skond ir-rikorrenti t-test ikun sodisfatt. Dan l-argument jgħodd ukoll f'każ li l-entrojtu jkun wieħed massiv filwaqt li dak kapitali jkun wieħed modest. Il-Qorti f'dan ir-rigward ma taqbel xejn mal-interpretazjoni li qegħdin jagħtu r-rikorrenti tal-artikolu inkwistjoni. Pero' il-Qorti terġa' tfakkar, li fi kwalunkwe każ mhux il-kompitu tagħha li sservi bħala Qorti tal-Appell tat-tielet istanza jew sabiex titratta l-vertenza mill-ġdid.

Fl-aħħar nett din il-Qorti ma tistax ma turix il-preokupazzjoni tagħha kif ħafna koppji, illum avvanzati fiż-żmien, b'uħud minnhom jiddependu fuq pensjoni, qed isibu lilhom infushom rinfaċċjati b'dawn ix-xorta ta' azzjonijiet meta fl-aħħar mill-aħħar mhux tort tagħhom għas-sitwazzjoni. B'dana kollu *dura lex sed lex*.

Għal kull buon fini l-Qorti qed tordna li din is-Sentenza tiġi notifikata lill-Awtorita' tad-Djar biex tgħin lir-rikorrenti meta jasal il-mument li jerġgħu jiġu bżonn saqaf fuq rashom.

Fl-aħħar nett din il-Qorti tordna li din is-Sentenza tiġi notifikata lis-Sur Speaker u lil dawk il-Maġistrati li jiddeċiedu materja ta' kera'.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti

**Tiċħad it-talbiet kollha** rikorrenti.

Spejjes għar-rikorrenti

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**